MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2006

Numru 51/1999

**Il-Pulizija**
**Spettur Pierre Micallef Grumaud**
**v**

**KEITH DEGUARA**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **KEITH DEGUARA** ta' sbatax il-sena bin Emanuel u Jane nee Busuttil, imwieled Pieta nhar t-tnax ta' Frar 1981 u joqghod 'Villa Christy', Triq Swieqi, St. Andrews, detentur tal-karta tal-identita` numru 123481M, gie imressaq quddiemha akkuzat talli fil-lejl ta' bejn il-hmistax w s-sittax ta' Ottubru 1998 gewwa l-Havana Bar gewwa The Generator, li jinsab fi Triq San Gorg, Paceville, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja f'perikolu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha u

cioe offiza ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Mario Brincat, skond ma ccertifika minn Doctor Mario Scerri.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esebiti fosthom l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar t-tnejn ta’ Marzu 2000 [fol 65] sabiex fin-nuqqas t’oggezzjoni da parti tal-imputat, din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha ta' Gudikatura Kriminali.

Rat wkoll n-nota tal-parte civile ppresentata permezz ta’ nota fir-Registru ta’ din il-Qorti nhar t-tlieta ta’ April 2001 [fol 103 et seq tal-atti] u cioe certifikat rilaxxjat minn Doctor Mario Scerri.

Semghet lil imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita u dana kif jirrizulta mill-verbal tas-seduta tad-disgha ta’ Ottubru 2006 [fol 170].

Semghet lil partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta tat-tlieta w ghoxrin ta’ Ottubru 2006.

Ikkunsidrat:

Illi nhar d-dsatax ta’ Frar 1999 **xehed Mario Brincat** [fol 14] fejn qal li fil-lejl ta’ bejn l-hmistax w is-sittax ta’ Ottubru 1998, waqt li kien fil-Havana Bar, fi Triq San Gorg, Paceville, hu qala daqqa ta’ flixkun minghand l-imputat presenti fl-awla. Spjega li hu kien qed jitkellem ma habib tieghu certu Alexander Caruana u kien hemm tlett guvintur bil-qeghda fil-vicin. Qal li wiehed minnhom li kien bjond, ghamillu sinjal sabiex jersaq lejh u hu fil-fatt hekk ghamel, mar hdejh. Kif mar hdejh, dan staqsih fost hafna kliem u dagha, ghaliex kien qed ihares lejh bl-ikrah u staqsih jekk kellux jaghtih.

Mario Brincat wiegbu li hu ma kienx jaf minn hu u li ma kienx qed ihares lejh bl-ikrah u fil-pront ittanta jaghtih daqqa ta’ ras u hu laqa b’idejh. Dak l-hin, zied jghid x-xhud, qam l-imputat, li kien wiehed minn dawn t-tlett

guvintur, u tah daqqa ta' flixkun tax-xorb u laqtu f'ghajnejh l-leminija, fuq hugbejh u spicca bi hmistax il-punt f'ghajnejh. Qal li kien ghadu sa dakinhar ma jarax sew u fil-fatt jara cpar u baqa jbati minn ugigh ta' ras.

Qal li hu kien gie akkumpanjat l-isptar minn habib tieghu li kien rah barra l-istabbiliment Havana Bar. Qal li lil imputat ma kienx jafu u qatt ma kien kellmu qabel. Cahad li hu xi darba kien hebb ghal xi wiehed mit-tlett guvintur li semma.

Illi nhar d-dsatax ta' Frar 1999 **xehed Alexander Brincat** [fol 17] fejn qal li fil-hmistax ta' Ottubru 1998, hu kien ma huh Mario Brincat fl-istabbiliment Havana Bar fi Triq San Gorg, Paceville, meta f'hin minnhom, ghal habta tas-siegha neqsin kwart ta' filghodu, <u>l-imputat presenti fl-awla, qam minn bil-qeghda u ta daqqa ta' flixkun lil huh Mario Brincat u laqtu f'ghajnejh u telaq jigri</u>. Qal li hu qam u mar jigri warajh. Zied jghid li l-imputat minn rajh baqa sejjer l-ghassa fejn sabu meta mar jirrapporta. Spjega li hu kien bil-wieqfa hdejn huh Mario Brincat fil-Havana u kien hemm tlett irgiel bil-qeghda, wiehed minnhom l-imputat. Qal li wiehed minn dawn t-tlett irgiel, hin minnhom ghajjat lil Mario Brincat u huh mar ikellmu u ftit minuti wara li wasal hdejh, fid-daqqa w il-hin dan r-ragel, li kien twil b'xaghru twila u bjond, ipprova jaghti bir-ras lil huh.

Kompla jghid li huh resaq lura u qam <u>l-imputat u ta daqqa ta' flixkun lil Mario Brincat</u>. Ix-xhud kompla jghid li hu dak l-hin kien xi zewg jew tlett metri boghod minn huh. Hu ikkonferma li kien l-imputat li xejjer daqqa ta' flixkun lil Mario Brincat f'ghajnejh. Qal li huh kellu hafna dmija f'ghajnejh wara d-daqqa. Qal li hu dak l-hin ma staqsa xejn lil hadd peress li telaq jigri wara l-imputat li harab minn fuq il-post.

Kompla jghid li kienu ghadhom kemm jaslu meta sehh l-incident u li qatt ma kien ra jew kellem lil imputat qabel, lanqas biss kien jafu minn imkien.

Illi nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Mejju 1999 **xehed Mark Fenech** [fol 30] fejn qal li nhar l-hmistax ta' Ottubru 1998 hu kien fil-Havana Bar f'Paceville ma Alex Brincat, Mario Brincat u David Borg ghal habta tan-nofs siegha ta' filghodu. Qal li shabu kienu mal-*bar* faccata tieghu u hu kien bil-qeghda fuq mejda vicin il-bar, jitkellem ma David Borg.

F'hin minnhom, kompla jghid ix-xhud, sema' ghajjat, speci ta' kommozzjoni, u meta hares biex jara x'kien gara, ra lil imputat presenti fl-awla, jxejjer flixkun tal-hgieg tal-Lager fid-direzzjoni ta' Mario Brincat u jolqtu f'ghajnejh u f'wiccu. Qal li kien hemm xebgha glied, kulhadd jaghti lil xulxin u hu kien kwazi f'nofshom. Qal li qabel l-incident ma kienx jaf minn hu l-imputat.

Illi nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Awissu 1999 **xehed Doctor Dino Vella Briffa** [fol 43] fejn qal li hu jokkupa l-kariga ta' Assistant Chairman fid-dipartiment tat-Dermatologija. Qal li hu kien gie nominat mill-Qorti sabiex jezamina lil Mario Brincat u fil-fatt kien baghat ghalih nhar s-sitta ta' Marzu 1999. Mario Brincat kien allega mieghu li kien qala daqqa ta' flixkun fuq hugbejh tal-lemin fl-ghodwa tas-sittax ta' Ottubru 1998. Spjega li l-pazjent kien garrab ferita "lacero contuse" u kienet giet mehjuta dakinhar fl-isptar San Luqa. Qal li l-ferita fieqet minghajr kumplikazzjonijiet u l-punti kienu tnehhew gimgha wara.

Qal li pero meta ezaminah f'Marzu 1999, c-cikatrici kienet mhaffra u vizibbli hafna, ta' kulur roza u kienet taqsam il-hugbejn fi tnejn u kienet f'kundizzjoni li tikklassifika bhala ferita ta' natura gravi. Spjega li l-kulur rosa maz-zmien jonqos pero hemm problema fejn il-hugbejn huwa mqatta fi tnejn u jekk ma ssirx operazzjoni fuq il-hugbejn, din ma tirrangax u hija sfregju li jibqa hemm permanentement. Ix-xhud esibixxa r-relazzjoni tieghu li giet mmarkata bhala dokument DVB u *slide* rigward l-ghajn in kwistjoni bhala dokument DVB 1.

Zied jghid li hu tkellem wkoll mas-*surgeon* rigward l-ghajn tal-pazjent u hu kien tal-fehma li hija ta' natura permanenti u permezz ta' operazzjoni din tista tirranga ruhha ghalkemm, mill-esperjenza tieghu, ma tigix normali. Mistoqsi jekk dan l-isfregju jgibx disprezz jew le, x-xhud wiegeb li ghalkemm din hi domanda soggettiva, jekk persuna tapplika ghal xi xoghol jew *interview*, dan il-fatt jista jtellfu peress li hu mankament li jaghti fl-ghajn u jqajjem d-dubbju kif tali sfregju gie kkwazat fuq l-istess persuna.

Illi nhar t-tnejn ta' Frar 2000 **rega' xehed Doctor Dino Vella Briffa** [fol 62] fejn ikkonferma li l-griehi li sofra Mario Brincat fl-incident in dezamina huma ta' natura gravi .

Illi nhar i-hdax ta' Dicembru 2001 **xehed Doctor Franco Mercieca** [fol 124] fejn esibixxa r-relazzjoni tieghu fir-rigward Mario Brincat, li giet mmarkata bhala dokument FM [fol 126]. Minn ezami ta' din r-relazzjoni, fil-konkluzzjonijiet taghha jirrizulta li '*the corneal abrasion healed within twenty four hours without any long-term effects but the skin laceration healed with sifnificant scarring. Today his only problem is the deep scar involving his right eyebrow, which is consequently slightly overhanging. He alleges that the latter has been a handicap in his pursuing of playing billiards/snooker. However, he has no evidence of any ocular damage and in fact, he has preserved normal 6/6 vision in both eyes. His injuries are of a non-grievous nature but overall he has been very lucky to avoid severe ocular damage.*"

Illi nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Ottubru 2006, **xehed l-imputat minn jeddu b'mod voluntarju** [ fol 172] fejn qal li xi zmien ilu hu kien mar fil-Havana Bar fi Triq San Gorg, Paceville jiehu *drink* ma certu Dale Spiteri u Edward Borg. Qal li hu u Dale Spiteri kienu hdejn il-bar filwaqt li Edward Borg kien ftit imwarrab minnhom. Qal li vicin taghhom kien hemm klikka ta' xi sitta jew hames guvintur u dak l-

hin, Dale Spiteri beda jhares bl-ikrah lejn wiehed minn dawn il-guvintur u l-persuna l-ohra thares bl-ikrah lejn Dale Spiteri.

Spjega li dawn il-guvintur bdew jiccajtaw bejniethom u jidhqu u jharsu lejhom u jipprovokawhom. Kompla jixhed li wiehed minnhom resaq vicin Dale Spiteri u qallu xi kliem u Dale Spiteri u din il-persuna spiccaw fl-idejn. Qal li hu kien sar jaf li kien hemm xi kwistjonijiet qabel, ilu xi zmien. <u>Qal li hu kellu flixkun u waddbu</u> u dahlu s-*security* u harguhom ‘l barra. Qal li kien hemm konfuzzjoni shiha u kien hemm diversi fliexken u tazzi miksura. Qal li dawn il-guvintur kienu tefghu xi tazzi, pero kemm ma kienx jaf.

Qal li hu tefa’ flixkun u s-*security* harguhom ‘l barra u huma u nezlin t-tarag induna li huma kienu hargu warajhom ghalhekk telghu jigru fejn Ghal Kafe w infired minn ma shabu. Kompla jixhed li hu mar l-ghassa u sab li kien hemm tnejn warajh li dahlu wkoll l-ghassa u bdew jakkuzawh li kien wegga’ wiehed minnhom filwaqt li joffenduh u jippruvaw jiggieldu mieghu anke fl-ghassa. Qal li fil-fatt kien hemm pulizija li pprova jiddefendih wkoll. Kompla jghid li wara hargu mill-ghassa u peress li l-guvintur kienu mahruqin, kissru wkoll xi afarijiet. Qal li wara ftit mar Dale Spiteri u anke Edward Borg u kien dak l-hin li hu sar jaf li wiehed minn dawn il-guvintur kienu qabdu lil Edward Borg u tah xi daqqiet.

<u>Qal li jista jkun li kien hu li laqat</u> lil xi hadd bil-flixkun li kien tefa’ u jista jkun li le. Qal li kien tefa’ flixkun bil-biza li kellu. Mistoqsi jekk hu rax f’liema direzzjoni mar l-flixkun li tefa’ hu, x-xhud wiegeb fin-negattiv. Qal li kien hemm diversi fliexken li twaddbu.

Mistoqsi jekk jafx minn hu Mario Brincat, x-xhud wiegeb li ghandu idea minn hu u sar jafu mill-incident lil hawn. Zied jghid li hu sar jaf bl-allegazzjoni li hu kien faqa’ flixkun fuq ras Mario Brincat minghand l-pulizija. Mistoqsi jekk rahx il-Havana Bar dakinhar tal-incident, ix-xhud wiegeb li kien zgur li ra lil huh. Qal wkoll li kien hemm xi hadd li qal

‘*x’inti thares*’ pero dan il-kliem kien indirizzat lejn Dale Spiteri u mhux lilu.

Illi nhar t-tlieta w ghoxrin ta’ Ottubru 2006, **xehed Edward John Borg** [fol 175] li qal li zi zmien qabel kien fl-istabbiliment Havana Bar mal-imputat presenti fl-awla u Dale Spiteri jiehdu *drink*. Qal li kien hemm wkoll xi grupp iehor ta’ xi sitta, li bdew jheddu lil Dale Spiteri bi kliem bhal ‘*ghandi naghtik !*’ u hin minnhom gew fl-idejn. Qal li dawn marru fuqhom u bdew jiggieldu u bdew itiru t-tazzi w inqalghet konfuzzjoni shiha. Qal li wara gew s-*security* jferrquhom waqt li kienu qed itiru t-tazzi. Qal li hu ra lil imputat jiddefendi ruhu mill-aggressjoni tal-ohrajn peress li kien qed jigi aggredit minn grupp ta’ zaghzagh ta’ xi sitta.

Qal li waqt il-glieda, ammont kbir ta’ tazzi gew mitfugha fid-direzzjoni taghhom. Kompla jghid li hu dahal wkoll biex jiddefendi lil shabu pero ma rax lil imputat jitfa xi tazzi jew jattakka lil xi hadd.

Ikkunsidrat:

Illi d-difiza eccepiet d-difiza ta’ legittima difesa w ghalhekk il-Qorti thoss li ghandha qabel xejn tispjega tali difiza w imbaghad tkompli biex tiddiskuti l-fatti specie tal-kaz.

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-ewwel ta’ Novembru 2003*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v John Mizzi**, dwar d-difiza ta’ legittima difesa. Dik il-Qorti sostniet li:

*“Id-difiza ta’ legittima difesa hija <u>limitata</u> ghal kazijiet fejn persuna tkun qed tigi <u>akkuzata b’omicidju voluntarju jew offiza volontarja</u> fuq il-persuna mhux ferjn l-akkuza tkun <u>ma xi reat iehor</u>; n-necessita hija differenti wkoll mid-difiza tal-koazzjoni, din tal-ahhar kontemplata fl-artikolu 47(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.”*

Dwar l-fatt li l-imputat agixxa in legittima difesa il-Qorti tirrileva li hemm kontemplata fl-artikolu 223 tal-Kap 9 tal-Ligjiet ta' Malta, s-segwenti:

"*Ma hemmx reat meta l-omicidju jew l-offizi fuq il-persuna huma ordinati jew permessi mill-ligi, jew mill-awtorita legittima, jew mehtieg mill-bzonn attwali tad-difiza legittima ta' wiehed nnifsu jew ta' haddiehor.*"

Fil-waqt li fl-artikolu 224 tal-Kap 9, dan isemmi certi kazijiet (li taht l-ebda mmaginazzjoni hi ezawrijenti) ta' necessita attwali ta' difiza legittima. Dawn il-kazijiet huma biss ezempji.

Jigi rilevat li huwa veru li d-dritt ta' legittima jitwieled u huwa konsegwenza naturali mid-dritt fundamentali ta' kull bniedem li jipprotegi lilu nnifsu minn xi aggressjoni jew dannu anke b1-uzu ta' forza.

Izda l-ligi timponi certi kundizzjonijiet biex din l-eccezzjoni tigi milqugha u cioe it-theddid ta' xi aggressjoni jew dannu jew perikolu irid ikun ingust, gravi w inevitabbli.

Id-difiza trid tkun saret biex jigu evitati konsegwenzi li jekk jaffettwaw ruhhom, jikkagunaw hsara rreparabbli lid-difensur, jigifieri hsara ta' offizi fil-hajja, gisem u/jew partijiet tal-gisem tad-difensur.

Kif gie tenut fis-sentenza **Il-Pulizija v Joseph Psaila** moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali fl-ghoxrin ta' Jannar, 1995,*** l-imputat difensur irid jipprova li dak li ghamel ghamlu stante li l-istat psikologiku li kien jinsab fih f'dak il-mument biex jevita xi perikolu li ma setghax jigi evitat b'xi mod iehor. Jigifieri l-perikolu ghandu jkun imminenti, ta' dak il-hin u mhux xi theddida ta' perikolu li tkun saret hinijiet qabel ghax dak jista jaghti lok biss ghal provokazzjoni u mhux difesa legittima. Il-perikolu irid ikun wkoll assolut cioe li f'dak il-mument li kien qed jsehh ma setghax jigi evitat b'xi mod iehor.

Hawnhekk ghandu jigi applikat t-test soggettiv kif diversi awturi u sentenzi tal-Qrati dejjem specifikaw u mhux bizzejjed li wiehed jghid x'setgha ghamel jew x'messu

ghamel d-difensur (imputat) qabel ma ha l-azzjoni in difesa bl-usu tal-forza.

Kif fil-fatt l-**Imhallef Harding** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Joseph Attard** ***deciza fil-hdax ta' Novembru, 1968*** jghid:

"*L-estremi tal-legittima difesa ma jistghux jigu ndikati ahjar milli bil-formula klassika tal-**Carrara** li l-perikolu hemm bzonn li jkun ingust, gravi w inevitabbli. Skritturi ohra m'ghamlux hlief elaboraw dan l-element.*"

L-imputat irid jipprova li dak li ghamel, ghamlu, stante li fl-istat psikologiku li kien jisab fih f'dak il-mument, biex jevita xi perikoli li ma setghux jigu evitati b'mod iehor. Jigifieri l-perikolu ghandu ikun attwali, istantanju u assolut u ma jridx ikun xi perikolu anticipat.

Il-perikolu ghandu ikun attwali, ta' dak il-hin u mhux xi theddida ta' perikolu li tkun saret hinijiet qabel ghax dan jista jaghti lok ghal provokazzjoni u mhux legittima difesa. Il-perikolu irid ikun assolut cioe li f'dak il-mument li kien qed jsehh, ma setghax jigi evitat b'xi mod iehor.

Il-**Professur Mamo** jispjega li:

"*The danger against which the accused reacted should be viewed not necessarily as it was in truth and in fact, but rather as the accused saw it at the time.*"

Issa, f'dan il-kaz, fil-fehma tal-Qorti ma jirrizultax li l-imputat kien qed jigi aggredit u cioe attakkat minn xi persuna. Kien hu li ghamel l-ewwel pass billi tefa' flixkun u dan ghaliex il-fehma tieghu, kien qed ihares bl-ikrah lejn siehbu Dale Spiteri.

Minn imkien ma jirrizulta li l-imputat gie aggredit mill-vittma Mario Brincat jew li kien hemm xi perikolu t'aggressjoni potenzjali.

Fil-fehma tal-Qorti l-imputat agixxa *a sua sponte* biex jitkessah semplicement ghaliex il-vittma allegatament setgha hares bl-ikrah lejn siehbu.

Illi din t-tezi hija konfermata kemm mill-vittma Mario Brincat, kif wkoll mix-xhieda mressqa mill-prosekuzzjoni u sa certu punt, mill-imputat stess, li fl-ebda hin ma jghid li gie aggredit qabel ma tefa' l-flixkun.

Il-Qorti rat l-fedina penali tal-imputat esibita a fol 5 tal-atti minn fejn jirrizulta li l-imputat ghandu fedina penali netta, bla ebda tebgha ta' reat jew kontravenzjoni registrata fuqha w ghalhekk il-Qorti trid tittratta mal-imputat bhala *a first time offender.* In oltre qiset l-fatt li dan l-incident sehh disgha snin ilu.

Illi ghalhekk, f'dawn ic-cirkostanzi il-Qorti thoss li l-piena idoneja ghandha tkun wahda ta' prigunerija sospiza.

**Il-Qorti** ghalhekk wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikoli 214 u 216 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta **tiddikjara li qed ssib lil imputat KEITH DEGUARA hati talli kkaguna feriti gravi fuq il-persuna ta' Mario Brincat u tiddecidi li tikkundannah ghal piena karcerarja ta' tmintax [18] il-xahar sospizi ghal tlett [3] snin bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Oltre dan, ai termini tal-artikolu 28H tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tordna lil imputat jhallas lil vittma Mario Brincat s-somma ta' hames mit [500] lira maltin bhala kumpens ghal feriti li sofra u dan fi zmien sitt [6] xhur mill-lum.**

**Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-kontravenzjoni moghtija ai termini tal-artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta stante li din hija preskritta ai termini tal-artikolu 688(f) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti tordna wkoll lil imputat, ai fini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, jhallas l-ispejjes inkorsi mal-hatra ta' Doctor Dino Vella Briffa [fol 36] fl-ammont tletin lira u hamsa w ghoxrin centezmu [LM 30.50] u ta' Mr. Franco Mercieca [fol 126] fl-ammont ta' mitt [100] lira maltin u dan fi zmien xahrejn [2] mill-lum u fin-nuqqas jigu awtomatikament konvertiti f'sitta w ghoxrin [26] jum prigunerija.**

**Tordna li kopja ta' din s-sentenza tigi notifkata lid-Direttur tal-Qorti Kriminali ghal dan l-ghan.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------